# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tat-Tmintax il- laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 17 ta' Ġunju 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

***Preżenti***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Christopher Spiteri | Vici Sindku |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |

***Assenti***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |

## 1. Talba.

Is-Sur Francis Debono qal it-talba.

## 2. *Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tmintax il-laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 20 ta'Mejju 2009.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tal-Minuti tat-Tmintax il-laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 20 ta' Mejju 2009, wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti fuq ir-reqqa tagħhom. Is-Sur Joe Grima issekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, s-Sur Dominic Spencer, u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 3. *Korrispondenza mill-21 ta' Mejju sas-17 ta' Gunju 2009.*

Fuq korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bħala tweġiba ġie ddikjarata li ż-żona ħdejn l-Ex Swan laundry ma taqg]ax taħt il-kompetenza tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku talab biex tintbagħat ittra lill-MEPA sabiex jiġi mgħarraf is-sid taż-żona msemmija biex l-area titnaddaf.

Fuq korrispondenza dwar tindif u manutenzjoni f'Churchwharf is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li titħejja lista ta' toroq li l-Kunsill għad għandu biex jagħmel manutenzjoni tagħhom u li m'għandhux fondi bizzejjed għalihom. Din il-lista għandha tintbagħat lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u lill-Onor. Chris Said. Is-Sur Joe Grima issekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, s-Sur Dominic Spencer, u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

Fuq korrispondenza mibgħutha mill-HSBC dwar assembly point sign fi Gnien Spencer is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-Kunsill ma jkollhux oġġezzjoni għal din it-talba. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, s-Sur Dominic Spencer, u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## *4. Schedule of payments 06/09*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li jiġu approvati l-pagamenti wara l-ispjegazzjoni ddettaljata li s-Segretarju Eżekuttiv ta lill-Kunsilliera preżenti u wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti fuqhom, is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, s-Sur Dominic Spencer, u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra

## *5. Purchase Order minn numru 2422 sa 2450*

Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 2422 sa 2450 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet, is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Joe Grima ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, s-Sur Dominic Spencer, u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra

## *6. Purchase Request minn numru 1213 sa 1242*

Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 1213 sa 1242 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet, is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, s-Sur Dominic Spencer,u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra

## *7. Devoluzzjoni ta' l-Area tal-Klabb tal-Boċċi*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippreżenta rapport tad-devoluzzjoni ta' l-area msemmija hawn fuq mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Joe Grima ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, s-Sur Dominic Spencer, u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra

## 8. Approvazzjoni ta' self għall-bini.

Is-Sur Noel Scerri daħal fis-Sala fis-sitta w kwart ta' filgħaxija (6.15pm) . Is-Sur Noel Scerri offra s-servizz legali tiegħu għal meta jiġi fformulat xi kuntratt ta' self.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li kif deċiż l-Amministrazzjoni talbet tlett kwotazzjonijiet minn tlett banek prinċipali li kienu HSBC, BOV u APS. Madanakollu żewġ offerti ġew mibgħutha li kienu tal-BOV u ta' l-APS. Wara diskussjoni fuq il-proposti msemmija mill-Banek is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona l-BOV fejn l-offerta hija ferm vantaġġjuża għal fatt li l-Kunsill jista' ma jagħtix "down payment" fuq il-loan imsemmija u t-terminu tal-loan huwa itwal għax ikopri tletin sena. Il-Kunsill jipproponi self ta' €356,000. Is-Sur Christopher Spiteri ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar,is-Sur Noel Scerri s-Sur Dominic Spencer,u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra

## 9. Ħruġ ta' Tender għall-bini tal-Kunsill

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li l-Kunsill joħroġ it-tender imsemmi qabel ma joħroġ il-permess tal-MEPA kif ippreżentat mill-Perit Dieter Falzon. Il-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Dominic Spencer,u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra

## 10. Pjanti ta' Uffiċċju tal-Kunsill.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippreżenta l-pjanti ta' l-Uffiċċju. Wara diskussjoni li saret fuq dan is-suġġett ġie mitlub li jiġi spesifikat aktar kif il-pjanti tal-Kunsill kienu ser jiġu maqsuma . Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Dominic Spencer,u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 11. Estimi Annwali 2009 – 2010.

Fuq talba tas-Sindku s-Sur Francsi Debono is-Segretarju Ezekuttiv ta spjega fid-dettall ta' l-estimi annwali liema kopja kienet tiġa ntbagħatet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Hadd mill-membri preżenti ma kellhu mistoqsijiet jew kummenti fuq ir-rapport imsemmi. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq għall-approvazzjoni l-Estimi Annwali kif ippreżentati mis-Segretarju Ezekuttiv. Il-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerris-Sur Dominic Spencer,u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra

## 12. Quarterly Financial Report Jan – Dec 2009 – 2010

Fuq talba tas-Sindku s-Segretarju Ezekuttiv ta' spjega ta'dan ir-rapport liema kopja kienet intbagħtet bil-quddiem għal attenzjoni tal-Kusnilliera. Ħadd ma kellhu mistoqsijiet jew kummenti fuq dan ir-rapport. Is-Sindku ppropona li dan ir-rapport jiġi approvat kif spjegat mis-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sur Noel Scerri issekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Dominic Spencer,u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra

## 13.Tran[ar ta' Traffic Island fl-Area tal-Menqa.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona t-tranġar tat-Traffic Island fl-area tal-Menqa liema xogħol isir mill-Kuntrattur tal-Bankini. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Dominic Spencer,u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra

## 14. Talba mill-Iscouts.

Fuq korrispondenza mibgħutha mill-Marsa Scouts Group sabiex juzaw il-Ġnien Belveder għal xi attivitajiet is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li l-Kunsill ikun favorevoli għal din it-talba stante li l'ebda awtorita' oħra ma jkollha xi oġġezzjoni. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri s-Sur Dominic Spencer, u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra

## 15. Servizz ta' tindif extra wara l-ħin tax-xogħol.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li jsir tindif addiżżjonali ta' toroq bħal Triq Patri Felician Bilocca, Triq is-Salib, Triq Spencer u l-Area tal-Menqa dan għaliex tali toroq ma jkunux jistgħu jitnaddfu meta jkun hem il-karozzi pparkjati. Għal dan il-għan għandha tintalab kwotazzjoni lill-Kuntrattur eżistenti tax-xogħol imsemmi. Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri , s-Sur Dominic Spencer, u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 16. Xiri ta' dustbins [odda

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta kwotazzjonijiet ta' diversi dustbinsu u wara diskussjoni fuq is-suġġett imsemmi is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li jinxtraw:

6 minn Item UN-LA020 - għal prezz ta' €160 il-wieħed
10 minn Item 00577 - għal prezz ta' €132.16 il-wieħed

Dawn ta' l-aħħar għandhom jiġu installati ħdejn diversi ħwienet tax-xorb fil-lokalita' liema responsabilta' ta' tindif tkun ta' sid il-ħanut. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Dominic Spencer, u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 17. ***<u>Laqgħa Pubblika</u>***

Wara diskussjoni fuq is-suġġett hawn fuq imsemmi is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li din il-laqgħa ssir wara x-xhur tas-Sajf liema data tiġi diskussa aktar il-quddiem. Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Dominic Spencer, u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra

## 18. ***<u>Stima ta' Tarmak għal Triq Isouard</u>***

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq kwotazzjoni ta' extensive patching fi Triq Isouard li tammonta hekk:

a) minn Triq San Franġisk sa Triq Nerik Sacco €12,422
b) minn Triq Nerik Sacco sa Triq Isouard €16,231
c) minn Triq Isouard sad-dawra €14,446

Wara d-diskussjoni fuq is-su[[ett imsemmi is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li toroq a) u b) jitlestew sa Awissu ta' din is-sena filwaqt li triq c) titlesta sa l-aħħar tas-sena finanzjarja. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Dominic Spencer, u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra

## 19. ***<u>Latrina ta' ħdejn il-Klabb tar-Regatta</u>***

Wara diskussjoni fuq is-suġġett imsemmi is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li la darba l-Kunsill mhux qed jiġi kkonsultat jew mgħejun mid-Dipartimenti tal-Gvern wara diversi ittri mibgħutha il-Kunsill għandu jiddeċiedi li jagħlaq din il-latrina b'mod indefinit. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Dominic Spencer, u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 20. ***<u>Kwotazzjonijet ta' Insurance għal Third Party Liabilities fuq toroq / playingfields.</u>***

Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kusnill jingħata kwotazzjonijiet għas-suġġett imsemmi. Għal dan il-għan għandu jsir avviz għal xahar fuq il-ġurnali kif deċiż mill-Kunsill u skond kif mitlub mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri , s-Sur Dominic Spencer, u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 21. *Mistoqsijiet*

Is-Sur Noel Scerri saqsa fuq l-applikazzjonijiet lill-ADT għal residential parking li l-Kunsill kien hejja. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li sallum il-Kunsill għadu ma hax risposta mingħand din l-Awtorita'.

Il-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri saqsa fuq il-ħajt li jinsab fi Triq Bajjada għal ma Marsa Road għax huwa perikoluż. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li dan l-ilment g]andu jg]addi lill-ADT għax dan jaqa' taħt ir-responsabilta' tagħhom.

Il-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri saqsa fuq l-irwejjaħ kbar li ħarġu mill-Biċċerija.

Il-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri saqsa fuq restawr ta' żewġ niċċeċ ta' San Pawl u l-oħra li tinsab ħdejn ix-xatt. Is-Sindku talab li dawn jiġu diskussi f'Agenda oħra.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kusnill sabiex tinkiteb ittra lill-ELC sabiex jirregola ruħu fuq il-kuntratt li għandu ta' tindif u manutenzjoni ta' ġonna fil-lokalita'. Fin-nuqqas ta' dan il-Kunsill ma jkollhux triq oħra g]ajr li jtemm dan il-kuntratt. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Dominic Spencer, u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

Is-Sur Anthony Buhagiar talab biex issir ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija bl-abbuż tat-traffiku li qed ikun hemm ħdejn l-Open Centre Suret il-Bniedem minn ċertu refuġjati. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Dominic Spencer, u s-Sur Joe Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 22. *Aġġornament tal-laqgħa*

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju 2009 fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)

Il-Laqgħa spiċċat fis-sebgħa w għaxra ta' filgħaxija (7.10pm)

| | |
|---|---|
| Francis Debono | Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |